MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Numru 642/2003

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Giovanni Conte, iben Eugenio,
imwieled Napoli fit-28 ta'
frar, 1966

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli minn ġewwa garage fi Triq il-Kbira, l-Imġarr f'xi ħin fil-għodu fit-23 ta' mejju, 2003 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom arma tan-nar, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Joseph Muscat;
2. talli minn ġewwa garage fi Triq il-Qalb ta' Marija, San pawl il-Baħar f'xi ħin wara nofs in-nhar fil-21 ta' mejju, 2003 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għasafar għad-dannu ta' Emanuel Grima;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin iżda ma jeċċedix l-elf lira maltin, li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu, u kif ukoll zamm arma tan-nar, u cioe' senter tad-ditta Luigi Franchi, bin-numru tas-serje SA60619, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanżi, bħala l-persuna li ġiet fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas li minnufih jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu jew kontroll f'idu jew fuqha, arma tan-nar u\jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, kif ukoll zamm jew ġarr arma regolari mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
7. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenrali eżebita fis-seduta tad-19 ta' novembru, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(ċ), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(1)(1A) u 9(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' erba' xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------